MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2010

Numru. 694/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR FRANS MICALLEF**
**KONTRA**

**STEPHEN SALIBA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Stephen Saliba ta’ 40 sena, bin John u Lucia nee’ Abela, mwieled Pieta’ nhar id- 9 ta’ Dicembru 1967, residenti 7, Triq Gorg Zammit, Attard u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 15668(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli b' diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l- istess disposizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda u cioe f' Santa Lucia nhar il- 21 ta' Jannar 2008 ghal habta tad- 9.00pm, kif ukoll fil-21 ta' Marzu 2008 ghal habta tal- 10.30pm volontarjament;

1) Hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara fuq il- bieb tar- residenza numru 5 Trejqet il- Giranji, Santa Lucia, liema hsara tammonta ghal €186.36 u €953 konsegwenti, ghad- detriment ta' Rose Mercieca;

2) Ukoll talli fl- istess dati, hin u cirkostanzi gab ruhu b' mod li ta fastidju lil persuna ohra b' mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghal dik il- persuna;

3) Talli ukoll fil- 11 ta' Lulju 2008 ghal habta tal-5.30pm ingurja jew hedded bi kliem lil Evangelista Saliba;

4) Ukoll talli fl- istess data, hin u cirkostanzi ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il- persuna ta' martu Evangelista Saliba;

5) Ukoll talli fl- istess data, hin u cirkostanzi kiser il-paci pubblika b' ghajjat u glied;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi prodotti rrisulta li l-imputat effettivament kien ghamel hsara volontarja fuq il-bieb ta' barra tar-residenza

ta’ Rose Mercieca, oht il-mara tieghu Evangelista Saliba, li minnha qed jinfired bi procedure civili ta’ separazzjoni. Fiz-zmien in kwistjoni, kien hemm dizgwid bejn il-partijiet fuq il-hin tal-access li ried jesercita l-imputat biex jara lil uliedu, u kien minhabba f’hekk li gara dan l-incident. Dan ma jiskolpa xejn lill-imputat mill-htija li wettaq hsara fuq il-proprjeta’ ta’ Rose Mercieca, u ghalhekk ser jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni, kif ukoll il-Qorti sejra tordna li hu jhallas id-danni kkagunati minnu lil Mercieca.

Kwantu ghall-imputazzjonijiet l-ohra, dawn ma rrisultawx ippruvati u ghalhekk il-Qorti ser tilliberah minnhom.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 325, 251A, 339(1)(e), 221, u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Din il- Qorti qed issib lill- imputat hati tal- ewwel (1) akkuza u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal-Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.
Ma ssibux hati tat- tieni (2), it- tielet (3), ir- raba (4) u l-hames (5) akkuzi u ghaldaqstant tilliberah minnhom.
Finalment tordna lill-imputat ihallas is-somma ta’ sitt mija u sbatax il- ewro (€617) lil Rose Mercieca ai terminu tal-Artikolu 24 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------